MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**

**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**

**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**

**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tas-6 ta' Frar, 2015

Appell Civili Numru. 35/2012/1

**Anthony Taliana**

***v.***

**Il-Kummissarju tal-Pulizija**
**u l-Avukat Ġenerali**

1. Dan huwa appell tal-attur minn sentenza mogħtija fit-30 ta’ April 2014 mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha li ċaħdet talba tiegħu għal rimedju minħabba dak li hu jqis bħala ksur tad-drittijiet tiegħu taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”] meta tteħditlu stqarrija minn esperti maħtura mill-qorti waqt inkjesta bla ma kellu l-għajnuna ta’ avukat.

2. Il-fatti relevanti seħħew hekk: Kmieni filgħodu fit-30 ta’ Lulju 2009 seħħ inċident li fih persuna ntlaqtet minn vettura u mietet minħabba l-ġrieħi li ġarrbet. Fuq il-post tal-inċident instabet pjanċa tal-vettura li laqtet lill-vittma u minn hekk il-pulizija saret taf li sid il-vettura kien missier l-attur. Mistoqsi min kien qiegħed isuq il-vettura missier l-attur indika lil ibnu, l-attur. Aktar tard dakinhar l-attur ittieħed l-għassa tal-pulizija u, waqt li kien qiegħed jiġi interrogat mill-espert maħtur mill-maġistrat inkwirenti fl-assenza ta’ avukat, l-attur għamel stqarrija[1] li, wara, ġiet esebita mill-prosekuzzjoni fi proċeduri kriminali kontra tiegħu quddien il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta’ Ġudikatura Kriminali.

3. Wara li l-prosekuzzjoni għalqet ix-xiehda tagħha l-attur, billi deherlu illi, jekk l-istqarrija titqies parti mix-xiehda kontra tiegħu, dan ikun bi ksur

[1] *Foll.* 301 *et seqq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

tal-jedd tiegħu għal smigħ xieraq, talab illi l-istqarrija titneħħa mill-inkartament. Talab illi jitneħħew mill-inkartament ukoll rapporti ta' esperti maħtura mill-qorti billi deherlu illi dawk ir-rapport kienu msejsa fuq dak mistqarr minnu. B'dikriet tad-19 ta' April 2012 il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba.

4. L-attur għalhekk fetaħ il-kawża tallum u talab illi l-qorti:

> "tiddeċiedi illi t-teħid tal-istqarrija ... hija in vjolazzjoni tal-artikolu 6 [tal-Konvenzjoni]; [u] (2) illi l-konklużjonijiet tal-esperti ... huma similment in vjolazzjoni tal-artikolu ... ... ...; (3) tagħti konsegwentement kull rimedju, direttiva u provvediment opportuni li tinkludi, iżda mhux limitata għal, l-isfilz tal-istqarrija u konklużjonijiet tal-esperti fl-atti tal-proċedura kriminali kontra Anthony Taliana; (4) tagħti kull rimedju u/jew direttiva u/jew provvediment opportuni."

5. L-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur wara li għamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

> "... ... ... ir-rikorrenti qed jitlob l-isfilz sija tal-istqarrijiet li għamel lill-pulizija u sija r-rapporti tal-esperti imsemmija fir-rikors għaliex qed jallega li dawn saru insegwitu għall- istess stqarrijiet.
>
> "... ... ...
>
> "Illi l-qorti fil-każ in eżami tħoss li kuntrarjament għall-każ ta' Lombardi, f'dan il-każ hemm żewġ fatturi importanti li kienu mankanti f'dak il-każ. L-ewwelnett ir-rikorrenti kien minorenni meta ġie interrogat; u t-tieni, il-prosekuzzjoni ġà ddikjarat illi ma għandhiex aktar provi u allura l-unika prova fil-konfront tar-rikorrent hija appuntu l-istqarrija tiegħu. ... ... ... [W]ieħed irid jara l-proċess kollu u l-proċess kollu jikkonsisti biss fil-fatt li l-prosekuzzjoni pproduċiet stqarrija magħmula mill-akkużat li kien minuri meta ġie interrogat. Huwa veru li huwa ma allegax li ġie maltrattat waqt l-interrogazzjoni iżda fil-każ in eżami wieħed mhux qed jitkellem dwar xi persuna mdorrija li tkun miġbura mill-pulizija iżda tifel ta' sbatax-il sena b'fedina penali altrimenti netta u allura jidher li din kienet l-ewwel darba għalih li kien arrestat. Minorenni f'din is-sitwazzjoni aktar iva milli le jkun intimidat mill-istess preżenza ta' numru ta' uffiċjali tal-pulizja f'ambjent minnu nnifsu stramb għalih, jekk ma jkollu lil ħadd min jgħinu u li fih jista' jafda. Mhux ġust li jiġi interrogat, anke jekk dan isir bl-aktar mod delikat, mingħajr ma jkollu assistenza.

F'ċertu pajjiżi mhux leċitu li wieħed jinterroga minorenni mingħajr il-preżenza tal-persuna li jkollha l-kustodja tiegħu jew tagħha. Għalhekk tenut kont ta' kollox, il-qorti taqbel li r-rikorrent kellu d-drittijiet fundamentali tiegħu sanċit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea miksur.

"Illi fil-każ odjern l-Ispettur li mexxa l-investigazzjoni xehed li huwa minnu li meta ttieħdet l-istqarrija r-rikorrenti ma kellux assistenza legali. Kwindi bħala fatt ma hemmx kontestazzjoni dwar dan.

"Illi madankollu tajjeb jiġi osservat illi wieħed jista' jgħid li l-pożizzjoni legali f'pajjiżna għal dak li jirrigwardja sitwazzjonijiet simili (li okkorrew qabel l-emendi fil-liġi fl-istess rigward) hija dik stabbilita fis-sentenza tal-Qorti Kostituzzjonali fil-kawża fl-ismijiet John Attard *v.* l-Onorevoli Prim Ministru u l-Avukat Ġenerali deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju 2013. Għaldaqstant il-qorti se tagħmel din ir-referenza ampja għal dik is-sentenza:

""Tajjeb illi qabel xejn ngħidu illi l-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem ma waslix biex tgħid illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat awtomatikament, ipso facto u immedjatament huwa ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Tassew, dik kienet ix-xewqa tal-Imħallef Bratza fl-opinjoni separata li ta fil-każ ta' Salduz:

""… the Court should have used the opportunity to state in clear terms that the fairness of criminal proceedings under Article 6 requires that, as a rule, a suspect should be granted access to legal advice from the moment he is taken into police custody or pre-trial detention."

""Il-Qorti Ewropeja iżda ġustament ma adottatx din il-pożizzjoni estrema.

""Kif ġà kellha okkażjoni illi tosserva, din il-qorti ttenni illi l-jedd ta' għajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalità li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta' difiża lill-akkużat: dak il-jedd jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogata tkun ingħatat b'għażla ħielsa, b'għarfien tal-jedd li jibqa' sieket, u bla theddid, wegħdiet, vjolenza jew b'xi mod ieħor abbużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abbużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat.

""Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilità, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verità ħati ma jkunx.

""Ċertament, meta hemm dik il-pożizzjoni ta' vulnerabilità t-teħid ta' stqarrija fl-assenza ta' avukat tista' twassal għal ksur tal-jedd għal smigħ xieraq. Hekk, fil-każ ta' Salduz ir-rikorrent kellu biss sbatax-il sena meta ġie interrogat mingħajr ma ngħata l-għajnuna ta' avukat u ammetta ħtija. Meta iżda, jumejn wara, reġa' ġie interrogat mill-maġistrat inkwirenti ċaħad l-akkużi u qal illi l-ammissjoni kien għamilha taħt theddid, swat u maltrattament fiżiku u psikoloġiku mill-pulizija. Fil-każ ta' Panovits *v.* Ċipru l-investigat kien minorenni meta kien interrogat. Barra minn hekk, minħabba l-imġieba ħażina tal-avukat tiegħu – li l-qorti kellha tikkundannah għal disprezz in faciem curiæ – inħoloq suspett ta' nuqqas ta' imparzjalità fil-ġudikanti u għalhekk il-proċess meħud kollu kemm hu ma tax il-garanziji meħtieġa biex ikun megħlub kull preġudizzju li seta' nħoloq minħabba t-teħid ta' stqarrija mingħand minorenni. Każ ieħor fejn instab ksur kien dak ta' Płonka *v.* il-Polonja, fejn l-istqarrija ttieħdet mingħand mara li kienet fi stat ta' vulnerabilità minħabba alkoħoliżmu. Fil-każ ta' Amutgan *v.* it-Turkija, imsemmi mill-attur fir-rikors tal-appell tiegħu, instab ksur f'ċirkostanzi fejn "the applicant was undoubtedly affected by the restrictions on his access to a lawyer" għax "He maintained that he was illiterate and therefore he did not know what was written in his statement taken by the gendarmes. He also stated that this statement was not read out to him and that he was forced to put his thumbprint on the statement to authenticate it".

""Illi l-parir ta' avukat f'sitwazzjonijiet bħal dawn iservi biex tingħeleb dik il-vulnerabilità u biex tingħata garanzija kontra kull abbuż fit-teħid tal-istqarrija."

"Illi punt importanti fil-parti motivazzjonali tas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet Pulizija *v.* Alvin Privitera (deċiża mill-Qorti Kostituzzjonali fil-11 ta' April 2011) li huwa rilevanti għal din il-kawża huwa illi:

""L-appellant ressaq aggravju dwar ir-rimedju li tat l-ewwel qorti. Hu jissottometti li d-dikjarazzjoni ta' leżjoni ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni kellha tikkostitwixxi just satisfaction biżżejjed u ma kellhiex tiddikjara wkoll l-istqarrija bħala nulla u bla effett, imma kellha tħalli f'idejn il-qorti ta' ġurisdizzjoni penali biex hi tevalwa l-validità u l-ammissibbiltà tal-provi miġjuba quddiemha fil-kawża kriminali.

""Jiġi rilevat li fil-parti disposittiva tas-sentenza, l-ewwel qorti ddikjarat biss li n-nuqqas ta' preżenza ta' avukat waqt l-interrogazzjoni kienet leżiva tad-drittijiet tieghu kif sanċit bl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Inoltre fit-trattazzjoni quddiem din il-qorti l-avukat difensur tal-appellat ma sabx oġġezzjoni li tkun il-qorti ta' ġurisdizzjoni penali li tevalwa l-validità u l-ammissibbiltà tal-provi miġjuba quddiemha fid-dawl tad-dikjarazzjoni ta' din il-qorti ta' leżjoni ai termini tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni."

"Illi dan ifisser li anke jekk l-ilment tar-rikorrenti jkun ġustifikat din il-qorti ma kinitx se tordna l-isfliz kif mitlub iżda tħalli lill-qorti li se tiġġudika l-każ biex tagħmel l-apprezzament tagħha hi.

"Illi l-qorti però jidhrilha mill-fatti ta' kif ittieħdet l-istqarrija in kwistjoni illi r-rikorrenti mhuwiex xi persuna vulnerabbli u li allura mhux minnu ġie mittiefes xi dritt fundamentali tiegħu kif qed jallega hu. Jidher anzi mill-provi li bdew jinġabru illi huwa ġab ruħu b'mod arroganti u allura żgur ma hux xi persuna li ħassitha intimidita mill-uffiċjali tal-pulizija li investigawh, kif per eżempju rriżulta lil Qorti fil-kawża ta' Pullicino … fejn l-akkużat kellu biss sbatax-il (17) sena. *Oltre* dan ġie mwissi sewwa qabel ma ttieħdet l-istqarrija u huwa altru minn ċar illi l-istqarrija saret volontarjament u mingħajr *undue pressure*.

"Illi l-argument imbagħad li r-rapporti tal-esperti wkoll kisrulu d-drittijiet fundamentali tiegħu għaliex ma kienx assistit waqt l-eżamijiet li sarulu hija fil-fehma tal-qorti mingħajr fundament legali u wisq inqas fattwali. Ir-rikorrenti ma pprova bl-ebda mod li kien hemm xi leżjoni tad-drittijiet fundamentali tiegħu fir-rigward."

6. L-attur appella minn din is-sentenza b'rikors tad-9 ta' Mejju 2014 u l-konvenuti wieġbu fis-26 ta' Mejju 2014. L-aggravji tal-attur huma (i) illi għandu jedd għal għajnuna ta' avukat ukoll min ma huwiex vulnerabbli u (ii) f'kull każ l-attur kien persuna vulnerabbli meta tteħditlu l-istqarrija.

7. Il-qorti sejra tibda mit-tieni aggravju billi, jekk issib illi l-attur tassew kellu jitqies bħala persuna vulnerabbli meta għamel l-istqarrija, l-ewwel aggravju ma jibqax relevanti.

8. L-attur fisser dan it-tieni aggravju hekk:

"... ... ... l-esponenti jissottometti wkoll illi huwa kien persuna vulnerabbli. Dan jirriżulta mix-xiehda, *inter alia*, tat-Tabib Mario Xerri, *fol.* 79 tal-proċess penali, għad-domanda tal-*parte civile*, fejn huwa irrisponda b'dan il-mod:

""Ma kellux abbrażjonijiet, *etc*, u għalhekk bdejt nissikkah biex igħidilna min kellu preżenti u mbagħad beża' u qal li kien hemm din it-tifla Nathasha Chesney preżenti u tajt istruzzjonijiit biex tinġabar."

"Il-fedina penali tiegħu turi li dan qatt ma ġie arrestat qabel; l-uniku preċedent tiegħu multa ta' €70; fl-istess ħin kien hemm arrestat ukoll missieru. Jekk għall-grazzja tal-argument wieħed jaċċetta l-fatt li kien hu li tajjar lill-vittma Clifford Micallef, huwa żgur illi kien *multo magis*

f'sitwazzjoni vulnerabbli: dan kien arrestat, taħt ix-xokk u l-konfużjoni jekk seta' kien il-każ li laqat hu, missieru arrestat ukoll, issikkat, imbeżżà' mill-interrogaturi kif ukoll kien għadu kemm għalaq għoxrin sena. Kienet ukoll l-ewwel esperjenza tiegħu ta' interrogazzjoni.

"Illi l-ewwel qorti għoġobha, flok ħadet in konsiderazzjoni dawn il-fatti u sottomissjonijiet magħmula mill-esponent, iddeċidiet illi tagħti każ x'kien xehed l-Ispettur Kevin Farrugia totalment barra l-kuntest li xehed hekk:

""Gejt infurmat illi Anthony Taliana kien instab mitluq fuq is-sodda u kellu riħa ta' xorb ..."

"Il-qorti mhux biss skartat il-fatt li kien mitluq fuq sodda, akkreditat biss vers minn xiehda tal-istess spettur investigativ, fejn dan jixhed illi "dak il-ħin kont ukoll wissejtu biex jitrażżan għall-atteġġament arroganti li kellu fil-preżenza tiegħi, qabel ma bdejt inkelmu, u minn hemm ikkwieta u l-affarijiet bdejna mexjin".

"L-ewwel qorti tat każ linja ta' sentenza waħda, totalment barra l-kuntest, u injurat il-kriterji kollha l-oħra li jindikaw il-vulnerabilità ta' dan il-ġuvnott ... ... ... Dan kollu juri illi proprju ... hemm raġuni u ġustifikazzjoni għall-massima u prinċipji enunzjati mill-Qorti Ewropea biex jipproteġu persuna illi hija vulnerabbli. Huwa magħruf illi persuna taħt iċ-ċirkostanzi ta' arrest, u partikolarment fil-kuntest taħt eżami, huwa vulnerabbli. Kwalunkwe interpretazzjom oħra ma tagħmilx sens u hija kontradittorja mal-prinċipji tal-Qorti Ewropea."

9. Il-konvenuti wieġbu hekk:

"... ... ... fir-rigward ta' dak li ġie sottomess ... ... ... li Dr Mario Scerri "... issikka lill-imputat sabiex iwieġeb il-mistoqsijiet tiegħu, u li dan eventwalment irrisponda għaliex beża', l-appellati jirribattu li din is-silta ttieħdet *fuori contesto stante* li minn imkien ma jirriżulta mill-atti li r-rikorrent ġie mġiegħel jew b'xi mod mhedded sabiex jagħti l-istqarrija li ta. Illi jirriżulta ċar mill-provi li l-appellant irrilaxxa l-imsemmrja stqarrija ġuramentata wara li ngħata d-debita twissija addirittura darbtejn: l-ewwel twissija mill-ispettur konċernat u t-tieni twissija ngħatat mill-espert Mario Buttigieg qabel ma ġie mitkellem mill-esperti inkarigati mill-maġistrat inkwerenti fil-presenza tal-ispettur konċernat. Illi mill-atti proċesswali ċertament ma jirrizultax li l-appellant kien taħt xi xokk u/jew konfuż kif qed jiġi allegat, tenut kont tal-fatt li l-ispettur konċernat kellu addirittura jwissih sabiex iġib ruħu sew minħabba fl-attitudni [*sc.* atteġġament] arroganti tiegħu fil-konfront tal-esperti inkarigati addirittura wara li kien tajjar persuna u baqa' sejjer kiesaħ u biered mingħajr ma ta l-ebda assistenza;

"Għandu jingħad ukoll, li, fi kwalunkwe każ, minħabba l-fatt li l-appellant ħarab minn fuq ix-xena tar-reat, bejn il-ħin li seħħ ir-reat u sakemm il-

pulizija sabu lill-appellant u skortawh fl-għassa ta' B'Kara fejn ġie mitkellem mill-esperti inkarigati fil-presenza tal-ispettur u sussegwentement irrilaxxa l-istqarrija ġuramentata, l-appellant seta' u kellu ħin biżżejjed sabiex jikkonsulta ma' avukat ta' fiduċja tiegħu;

"Fil-fatt, jirriżulta li meta l-appellant ġie mitkellem, huwa ngħata t-twissija skont il-liġi fis-sens li ma kienx obbligat li jitkellem sakemm ma kienx hekk jixtieq, iżda li dak li kien se jgħid seta' jinġieb bi prova kontrieh. Minkejja li ngħatat dina t-twissija, l-imputat volontarjament għażel li jwieġeb il-mistoqsijiet li sarulu. *Inoltre*, lanqas m'hu l-każ li l-ispettur konċernat u/jew uħud mill-esperti inkarigati mill-maġistrat inkwerenti 'naqsu' b'xi mod mid-doveri u l-obbligi tagħhom kif qed jiġi allegat, *stante* li jirriżulta ċar mill-atti li l-istess spettur u l-imsemmrja esperti ottemperaw ruħhom skrupolożament mal-proċedura u l-liġijiet *in vigore* fil-perijodu in kwistjoni. Għalhekk, kwalunkwe allegazzjoni li l-ispettur u/jew uħud mill-esperti inkarigati naqsu b'xi mod mir-responsabbilitajiet tagħhom hija bir-rispett kollu spekulazzjoni gratwita li ma ssib l-ebda riskontru jew aċċenn ta' prova fl-atti proċesswali in kwistjoni;"

10. Għalkemm din il-qorti ma taqbilx mal-attur meta dan igħid illi f'kull każ "persuna taħt iċ-ċirkostanzi ta' arrest… … … [hija] vulnerabbli", ma tistax ma tgħidx illi s-sentenza appellata hija x'aktarx inkonsistenti u kontradittorja magħha nfisha meta l-ewwel tgħid illi:

"Huwa veru li huwa ma allegax li ġie maltrattat waqt l-interrogazzjoni iżda fil-każ in eżami wieħed mhux qed jitkellem dwar xi persuna mdorrija li tkun miġbura mill-pulizija iżda tifel ta' sbatax-il sena b'fedina penali altrimenti netta u allura jidher li din kienet l-ewwel darba għalih li kien arrestat. Minorenni f'din is-sitwazzjoni aktar iva milli le jkun intimidat mill-istess preżenza ta' numru ta' uffiċjali tal-pulizja f'ambjent minnu nnifsu stramb għalih, jekk ma jkollu lil ħadd min jgħinu u li fih jista' jafda. Mhux ġust li jiġi interrogat, anke jekk dan isir bl-aktar mod delikat, mingħajr ma jkollu assistenza. F'ċertu pajjiżi mhux leċitu li wieħed jinterroga minorenni mingħajr il-preżenza tal-persuna li jkollha l-kustodja tiegħu jew tagħha. Għalhekk tenut kont ta' kollox, il-qorti taqbel li r-rikorrent kellu d-drittijiet fundamentali tiegħu sanċit bl-artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea miksur."

u mbagħad tikkonkludi hekk:

"Illi l-qorti però jidhrilha mill-fatti ta' kif ittieħdet l-istqarrija in kwistjoni illi r-rikorrenti mhuwiex xi persuna vulnerabbli u li allura mhux minnu ġie mittiefes xi dritt fundamentali tiegħu kif qed jallega hu. Jidher anzi mill-

> provi li bdew jinġabru illi huwa ġab ruħu b'mod arroganti u allura żgur ma hux xi persuna li ħassitha intimidita mill-uffiċjali tal-pulizija li investigawh ... ... ...”

11. Jista' jkun illi fl-ewwel silta l-qorti kienet sgwidata għax ħasbet illi l-attur kellu biss sbatax-il sena meta seħħ l-inċident meta fil-fatt kellu bejn għoxrin u wieħed u għoxrin sena[2]. Madankollu, xorta tibqa' l-kontradizzjoni mal-konklużjoni illi l-attur “mhuwiex xi persuna vulner-abbli”.

12. Meta tqis il-fatturi kollha din il-qorti hija tal-fehma illi l-fatt illi l-attur ma kienx minorenni ma jfissirx illi, għax kellu għoxrin jew wieħed u għoxrin sena, kellu maturità biżżejjed biex ma jħossux intimidit fl-ambjent ta' interrogazzjoni, aktar u aktar meta kien jaf illi kien saq karrozza li qatlet bniedem. Kien forsi jkun differenti li kieku kien xi delinkwent “inkallit” li wettaq reat premeditat u għalhekk kien preparat għall-interrogazzjoni u kif kellu jaffaċċjaha. Il-fatt ukoll illi ġab ruħu mal-pulizija “b'arroganza” – illi l-ewwel qorti qisitu bħala fattur li juri illi l-attur ma kienx intimidit u għalhekk ma kienx vulnerabbli – kien x'aktarx mekkaniżmu biex jaħbi l-biża' taħt faċċata ta' *bravado* milli sinjal ta' kunfidenza kif qisitu l-ewwel qorti. Din il-qorti wkoll ma tistax ma tqisx ix-xiehda mogħtija fil-25 ta' Settembru 2009 mit-Tabib Mario Serri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Inkwirenti meta qal illi l-attur “beża'” waqt li kien qiegħed jagħmillu l-mistoqsijiet[3]. Dan ma jfissirx illi l-attur kien

---

2 L-inċident seħħ fl-2009 u n-numru tal-karta tal-identità tal-attur – 46688M – juri illi twieled fl-1988.

3 *Fol.* 79 tal-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati; *fol.* 22 tal-proċess tal-ewwel qorti.

mhedded jew li kien imbeżżа' deliberatament minn min kien qiegħed jinterrogah biex itteħditlu l-istqarrija, iżda juri l-istat li kien fih f'dak il-waqt. Il-fatt ukoll illi l-attur kellu "riħa ta' xorb" fuqu u nstab illi kellu livell mhux insinjifikanti ta' alkoħol fid-demm ikompli jżid l-istat ta' vulnerabilità ta' dak il-waqt.

13. Fiċ-ċirkostanzi tal-każ tallum għalhekk il-qorti hija tal-fehma illi l-attur kien persuna vulnerabbli meta tteħditlu stqarrija mingħajr ma kellu l-għajnuna ta' avukat, u għalhekk l-istqarrija ttieħdet bi ksur tal-jedd tiegħu taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni.

14. Dan iżda għandu jwassal inevitabilment biex l-istqarrija titneħħa mill-inkartament tal-proċess kriminali, kif irid l-attur?

15. Din il-qorti hija tal-fehma illi, dak mistqarr mill-attur ma għandux jitneħħa mill-inkartament iżda, billi dak mistqarr ingħad f'ċirkostanzi illi fihom ma tħarisx għal kollox il-jedd tal-attur taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni, min għandu jiddeċiedi fuq il-ħtija tal-attur ma għandux jieħu qies ta' dak mistqarr bħala prova tal-kontenut tagħha għall-finijiet ta' ħtija o meno tal-attur iżda jista' jieħu qies tiegħu għall-finijiet ta' kontroll u kredibilita` ta' xhieda.

16. L-attur qiegħed jitlob illi jitneħħew ukoll mill-inkartament ir-rapporti ta' Godwin Sammut[4], tat-Tabib Scerri u ta' Mario Buttigieg[5] – ilkoll

4 *Foll.* 111 *et seqq.* tal-proċess tal-Qorti tal-Maġistrati; *foll.* 78 *et seqq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

maħtura esperti mill-Qorti tal-Maġistrati – għax dawn "ibbażaw il-konklużjonijiet tagħhom prinċipalment jew esklusivament fuq l-istqarrija" tal-attur. Dwar ir-rapporti ta' dawn l-esperti l-qorti tosserva illi, safejn dawn huma msejsa fuq osservazzjonijet fattwali u oġġettivi magħmula mill-esperti stess (bħal ma huma fil-biċċa l-kbira tagħhom), ma jistax jingħad illi jinkiser il-jedd tal-attur għal smigħ xieraq jekk il-ġudikant jagħżel li joqgħod fuq dawk ir-rapporti. Safejn iżda r-rapporti huma msejsa fuq dak mistqarr mill-attur meta ma kienx assistit minn avukat, min għandu jiġġudika dwar il-ħtija tal-akkużat għandu jirregola ruħu fid-dawl ta' din is-sentenza.

17. Għal dawn ir-raġunijiet il-qorti tilqa' l-appell tal-attur billi tgħid illi, meta l-attur għamel stqarrija bla ma kellu l-għajnuna ta' avukat, inkiser il-jedd tiegħu mħares taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni; tordna illi jitkompla s-smigħ quddiem il-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali b'ħarsien ta' dak illi jingħad f'din is-sentenza, partikolarment fiż-żewġ paragrafi ta' qabel dan. Tordna għalhekk illi kopja ta' din is-sentenza tiddaħħal fl-atti tal-proċess il-Pulizija (Spettur Kevin Farrugia) *v.* Anthony Taliana li qiegħed jinstema' quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

18. L-ispejjeż għandhom iħallsuhom il-konvenuti.

---

[5] *Foll.* 95 *et seqq.* tal-proċess tal-ewwel qorti.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------